**Kunsill Lokali**
**Għajnsielem**

---

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 50 – 28 ta' April 2023**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 2023 fis-2:00pm.

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Franco Ciangura | Viċi Sindku |

**50.1 Talba**

50.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

50.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**50.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

50.3.1 Il-Vici Sindku Franco Ciangura kien skuzat peress li kien ma jiflaħx.

**50.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

50.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal-finalizazzjoni tal-proġetti tal-Gudja u Tolfa u li l-inawgurazzjoni tagħhom għandha ssir b'attivita'. Sar qbil li għandna ninkarigaw lis-Sur Charlie Zammit jgħinna fil-logistika tagħhom.

50.4.2 Giet trattata l-korrispondenza sabiex issir attivita' ta' airgun f'Ta' Passi. Il-Kunsill ma qabilx ma attivajiet ta' dan it-tip f'post pubbliku.

50.4.3 Is-Sindku għamel referenza għat-talba għal bus Stop fi Triq il-Qala kantuniera ma' Triq Merkanti. Il-Kunsill approva din it-talba.

50.4.4 Is-Sindku rrefera għall-attivita' ta' Sports Day tal-iskola Primarja ta' Għajnsielem. Sar qbil li l-Kunsill għandu jixtri l-medalji ta' din l-attivita' u titqassam ċikkulata lit-tfal. Is-Sindku talab sabiex xi ħadd mill-kunsilliera jirrappreżenta lill-Kunsill peress li hu ma jistax jattendi
.

50.4.5 Is-Sindku rrefera għall-attivita' tal-ħarga tal-anzjani fl-okkażżjoni ta' Jum l-Omm li ser tiġi organiżżata nhar l-Erbgħa 10 ta' Mejju. Sar qbil li għandna nagħtu pjanta lil kull omm preżenti.

50.4.6 Is-Sindku għamel referenza għall-boat trip informattiv li ser tiġi organiżżata għat-tfal taħt il-programm Amppa nhar is-6 u 8 ta' Gunju . Għal dawn it-trips ser jattendu l-istudenti kollha tal-iskola ta' Għajnsielem kif ukoll dawk tal-Għarb.

50.4.7 Kellna laqgħa mal-Community Police - ġie diskuss fejn ser nagħmlu CCTVs permezz tal-iskema SPI/SCI/-/2023 li ser napplikaw għaliha: 3 cameras Triq J F de Chambray, ġol-Kunsill, entrance skola u Kunsill, Belvedere Hamri, Gudja PF, Pjazza Tolfa, Sant'Eliju solar, oħra solar portable titpoġġa kull fejn ikollna dumping, Pjazza Indipendenza u Pjazza Madonna ta' Loretu.

50.4.8 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal l-laqgħa li kellu mal-Perit Scerri biex jiffinalizża l-Block Plan dwar Ta' Passi u dwar il-possibilita li l-parkeġġ u il-Pump Track isiru 3 sulari parking, filwaqt li l-bridge antik jibqa hemm. Din ser tiġi preżentata lil Ministru Stefan Zrinzo bil-konsulenza mal-Ministeru għal Ghawdex.

50.4.9 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għall-bidu tar-restawr tan-niċċa ta' San Franġisk fi Triq Sant'Antnin.

50.4.10 Giet diskussa wkoll il-problema bir-riħa tad-drenaġġ fi Triq Sant'Antnin li minkejjja li saret it-triq din il-problema baqgħet persistenti.

50.4.11 Is-Sindku rrefera għall-kuntatt li kellu mal-avukata Claire Bonello dwar is-sheep farm fejn għadna għaddejjin bl-appell, u wkoll dwar l-appell tal-Pumping Station fejn talbitna nsibu xi NGOs u nagħmlu affidavit kollettiva.

50.4.12 Giet trattata t-talba sabiex nagħmlu dog bin f'fuq nett ta' Triq Bengħazi.

50.4.13 Is-Sindku rrefera għall-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex it-tabella No Right Turn li hemm ftit l-isfel minn tar-Rexy fi Triq l-Imgarr tersaq aktar il-fuq.

**50.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

50.5.1 Il-kunsillier Stephen Mercieca faħħar pubblikament lis-Sindku Kevin Cauchi tal-effiċenza tiegħu fejn jidħlu ħtigijiet mitluba mill-kunsilliera

50.5.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex jiġi nsallat bin fi Triq Imgarr ħdejn l-bus stop ħdejn ix-showroom tal-karozzi ta' Mizzi.

50.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għall-problema li qed tinħoloq kull nhar ta' Hadd fi Triq Sant'Antnin peress li parti mit-triq hija dejqa u billi qed isir parkeġġ fuq naħa waħda tat-triq qed ikun hemm konġestjoni kbira tat-traffiku. Is-Sindku wieġbu li din il-problema ġiet diskussa mal-pulizija. Il-Kunsill qabel li biex ma jinħoloqx inkonvenjent ta' nuqqas ta' parkeġġ għar-residenti, għandna nipproponu li din il-parti tat-triq issir 'No parking' nhar ta' Hadd bejn l-4pm u s-7pm.

50.5.4 Il-kunsillier Stephen Mercieca issuġġerixxa li għandna nikkommemoraw l-proġetti li għalqu 30 sena u ser jerġgħu jiġu nawgurati anke permezz ta' lapida.

50.5.5 Il-Kunsillier Teddy Saliba talab sabiex isir refreshing ta' double yellow lines Triq Firilla maġenb blokka ta' appartamenti.

**50.6 Aġġornament dwar il-Progetti Kapitali**

50.6.1 Is-Sindku Kevin Cauchi ta update dwar l-andament tal-Proġetti.

50.6.2 **Playingfield Gudja** - Is-Sindku spjega kif ix-xogħol fuq dan il-proġett jinsab kważi lest. Il-landscaping u l-pavimentar jinsab lest. It-Team Mosaic bdew ix-xogħol tal-mosaic biex idawwru l-boċċi pitch. Id-Dawl u l-light fittings lesti wkoll. Jonqos l-irrigation.

50.6.3 **Triq Ħamri** - Rigward il-proġett is-Sindku nnota b'sodisfazzjon li l-proġett beda bil-bdil tas-servizz tad-drenaġġ u tal-ilma. Is-Sindku propona li fejn jipparkjaw il-karozzi jsir bic-cement. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

50.6.4 **Pjazza Tolfa** - Is-Sindku spjega kif il-perit iltaqa' mal-Kuntrattur sabiex jitkomplew ix-xogħlijiet li fadal. Id-dawl lest iżda ma jistax jixgħel qabel ma jintemm ix-xogħol. Il-Perit ħareg bi proposta.

50.6.5 **Librerija u Ċentru Marittimu** - Ix-xogħol ta' kostruzzjoni jinsab kważi lest. Sadanittant ser noħorgu tenders tal-finishings, diorama tal-ħut malti, mudelli dgħajjes Maltin, tender għat-touch screen, mudell tal-kosta, u xkaffar u għamara. Is-Sindku rrefera għal fatt li nkarigajna lis-Sur Frank Tabone sabiex jgħinna fid-dettalji loġistici speċjalment fejn jidħlu attivitajiet tat-tfal minn dan il-proġett.

50.6.6 **Public Convenience** - Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għat-tneħħija tat-tankijiet tal-Asbestos li ser jiswew €1500 biex jitneħħew koperta b'insurance u kull permess. Il-Kunsill qabel li għandu japprova din l-istima u malli jitneħħew ikunu jistgħu jitkomplew ix-xogħolijiet.

50.6.7 **Proġett – Belveder Triq Qigħan** - Is-Sindku spjega kif ix-xogħol jinsab miexi ġmielu. Il-bankijiet ġew ordnati kif kien maqbul fl-aħħar laqgħa. Ser nħawwlu l-palm bid-dawl taħthom. Sar qbil li għandha tingħabar stima għal-palm. Is-Sindku rrefera wkoll għall-problema kbira li hemm f'din it-triq bit-trakkijiet u Trailers ipparkjati fi Triq il-Qigħan li qed jostakolaw il-bankini u l-veduta.

50.6.8 **Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini.** - Is-Sindku spjega kif id-draft tad-dokument tat-tender tal-fanali jinsab lest u se jiġi ppublikat fil-ġranet li jmiss. Il-Perit Shawn Micallef qed jaħdem fuq pjanta għal tender sabiex il-bollards nagħmlulhom l-pavimentar taħthom. Dawn se jitpoġġew quddiem il-monument 'il-Bank tal-Pjazza', quddiem is-Sangristija tal-Knisja u quddiem id-daħla tal-grawnd. - Il-Kunsill qabel li l-bqija tal-budget li għandna mill-iskema tad-dipartiment se jintuża għal pavimentar quddiem il-każini.

50.6.9 **Ġnien quddiem l-iskola Primarja** - Is-Sindku rrefera għad-diskussjonijiet mal-Ministeru għal Għawdex sabiex jiġi ffinanzjat wkoll il -faċċata tal-iskola bil-cladding tat-travertine ġew iffinalizzati u qed nistenew li niffirmaw ftehim biex b'hekk jinħareġ tender wieħed. Id-draft tad-dokument tat-tender huwa finalizzat u jista' jigi ppublikat fil-ġranet li ġejjin.

50.6.10 **Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra** - Il-perit qiegħed ilesti dokument tat-tender u mistenni li jiġi ppublikat ukoll fil-ġranet li ġejjin.

50.6.11 **Triq Daħlet l-Għama** - It-tender ġie awarded u kuntratt iffirmat. Il-pjan hu li jibda fil-ġranet li jmiss.

50.6.12 **Bini Arkata** - Is-Sindku spjega kif il-permess inħareġ aktar kmieni dan ix-xahar. Dan ma' kienx faċli u kien proġett ta' diversi snin. Qed nistennew il-BOQ tal-Perit sabiex napplikaw mad-DPF tal-Planning Authority għal bini ta' din l-istess arkata.

50.6.13 **Ġnien Briegħen mal-Kunsill tax-Xewkija** - Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li qed jiġu ffinalizzati il-pjanti flimkien mal-Kunsill tax-Xewkija.

## 50.7 Tenders u quotations taht il-programmi Amppa u Corallo

50.7.1 Il-Kunsill qabel li taħt dawn il-proġetti għandhom jinħarġu dawn l-offerti u dawn l-istimi:

Tenders:

- Attivita' Echoes by the Sea billi noħorgu tender għal sound, band, dawl u palk. (Amppa)
- Għamara u xkaffar ghaċ-Ċentru Marittimu (Amppa)
- Mudelli ta' dgħajjes tradizzjonali Maltin magħmulin bl-idejn

Stimi taħt il-proġett Amppa

- Diorama
- Mudelli ta' dgħajjes

- Led Panels
- Vernier calipers
- Dissection Kits
- Electronic hanging scale
- Underwater camera

50.7.2 Wara li ntalbu dawn l-istimi taħt il-proġetti Amppa, dawn kienu l-istimi miksuba:

50.7.3 Kiri ta' dgħajsa ghal-boat trip tal-iskejjel:

- Joseph Hili: €520 ex VAT;
- Mario Buttigieg €10 kull persuna nkluz il-VAT (60 student) = €600
- Blue Lagoon - 3 trips €2460 ex VAT

Sar qbil li l-għazla għandha taqa' fuq l-orħos dik ta' Mario Buttigieg

50.7.4 Trasport bil-coach:

- AE Mintoff €95 ex VAT;
- Josephine Caruana €85 ex VAT;
- Gozo Coaches €90 ex VAT

Sar qbil li l-għazla għandha taqa' fuq l-orħos dik ta' Josephine Caruana.

50.7.5 Printjar ta' Brieret promozzjonali sabiex jitqassmu lit-tfal:

- SKM Printing 1294.75;
- Customize Nation: 2076.80;
- Mompalao Ltd €797.68

Sar qbil li l-għazla għandha taqa' fuq l-orħos dik ta' Mompalao Ltd.

Vernier calipers:

- Alexander Pollock €260/€412;
- Bigmat €56;
- Firm B Pullicino €40.80;
- C&C Technique €77.97/€84.75

Sar qbil li l-għazla għandha taqa' fuq l-orħos dik ta' Firm B Pullicino.

## 50.8 Programm Iljieli Sajfin

50.8.1 Is-Sindku propona li bħas-sena li għaddiet għandna norganiżżaw sajf mimli events speċjalment fil-weekends fosthom Ghajnsielemfest, Tombli, Cocomelon night, bands u serati oħrajn. Sar qbil li għandna nfasslu programm ta' attivitajiet u niddiskutuħ fil-laqgħa li jmiss.

## 50.9 Approvazzjoni tal-Pagamenti

50.9.1 Giet preżentata l-iskeda tal-Pagamenti numru 121 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

## 50.10 Materji oħra

50.10.1 Ma kienx hemm materji ohra x'jiġu diskussi.

50.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

50.11.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5:00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 29 ta' Mejju 2023 fit-3:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**